**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 565/2024DC**

***Danish Bakery Limited (C7921)***

***vs***

***Renald Micallef (K.I. Numru 560775M)***

**Illum 28 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ippreżentata fil-21 ta' Mejju, 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti daħlet fi ftehim mal-intimat sabiex hu jaġixxi bħala distributur tal-istess soċjeta' rikorrenti billi jixtri prodotti minn għandha skont il-prezzijiet indikati mill-istess soċjeta' rikorrenti u jbiegħhom fil-ħwienet assenjati lilu bil-miktub mill-istess soċjeta' rikorrenti;*

2. *Illi f'dan ir-rigward, is-soċjeta' rikorrenti u l-intimat iffirmaw skrittura datata l-ħdax (11) ta' April tal-elfejn tlettax (2013) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. A), li permezz tagħha ġew definiti u reġolati t-termini tar-relazzjoni bejniethom;*

3. *Illi l-intimat huwa d-debitur tas-soċjeta' rikorrenti għall-prezz ta' diversi prodotti debitament konsenjati lill-intimat u aċċettati minnu in segwitu tal-ftehim fuq imsemmi, u dan fir-rigward ta' żewġ perjodi distinti.*

4. *Illi fl-ewwel istanza, l-intimat waqa' moruż fil-ħlas tal-fatturi maħruġa mis-soċċjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' prodotti mibjugha u konsenjati lilu ai termini tal-ftehim fuq imsemmi fil-perjodu bejn Lulju u Settembru tal-elfejn u għoxrin (2020), liema debitu fid-data ta' l-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u wieħed u għoxrin (2021) kien akkumula għall-ammont tmienja u erbgħin elf u ħames mija u ħamsin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€48,550.51) (minn issa 'l quddiem l-"Ewwel Debitu");*

5. *Illi dwar dan l-Ewwel Debitu, il-partijiet wasslu għal ftehim verbali li permezz tiegħu l-intimat obbliga ruhu li jissalda l-imsemmi ammont permezz ta' pagamenti mensili ta' ħames mitt Ewro (€500), b'dan illi fuq il-bilanċ imsemmi jiddekorri imghax bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) fis-sena mill-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sad-data tal-ħlas għas-saldu;*

6. *Illi filwaqt li l-intimat beda jwettaq ħlasijiet akkont tal-Ewwel Debitu, huwa eventwalment waqaf milli jagħmel dan għal kollox mingħajr ebda raġuni valida, b'dan illi l-aħħar pagament effetwat minnu in segwitu ta' dan il-ftehim verbali sar fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tal-elfejn u tlieta u ghoxrin (2023);*

7. *Illi għalhekk, l-intimat huwa d-debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u tletin elf u sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċentezmu (€38,679.51) rappreżentanti l-bilanċ li għadu dovut mill-Ewwel Debitu, (hekk kif jirriżulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok. B), u dana oltre l-imgħax ulterjuri bl-imsemmija rata ta' tlieta fil-mija (3%) mid-data tal-ewwel (1) ta' Ġunju tal-elfejn u tlieta u għoxrin (2023) sad-data tal-pagament effettiv;*

8. *Illi fit-tieni istanza, l-intimat huwa wkoll debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ulterjuri ta' mija u tlieta u ħamsin elf u ħames mija u wieħed u tletin elf Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€153,531.15) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' diversi prodotti debitament mibjugħa u konsenjati lill-intimat u aċċettati minnu in segwitu tal-istess imsemmi ftehim matul il-perjodu bejn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tal-elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u t-tletin (30) ta' Ġunju tal-elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif jirriżulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok. C (minn issa 'l quddiem it-"Tieni Debitu");*

9. *Illi peress illi ma kien hemm l-ebda ftehim ulterjuri dwar imgħax in kwantu t-Tieni Debitu, għandu jiddekori fuq l-istess Tieni Debitu*

*imgħax legali ai termini tal-Artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerċ (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) mid-data ta' kull fattura sad-data ta' pagament effettiv;*

10. *Illi għaldaqstant huwa d-debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' mija u tnejn u disghin elf u mitejn u għaxar Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€192,210.66), u dan oltre (i) l-imgħax ikkalkulat bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) fuq l-ammont ta' tmienja u tletin elf u sitt mija u disgħa u sebghin Ewro u wiehed u ħamsin ċentezmu (€38,679.51) ossia l-Ewwel Debitu mid-data tal-ewwel (1) ta' Ġunju tal-elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) sad-data tal-pagament effettiv, u (ii) l-imgħax legali kkalkulat bir-rata applikabbli skont Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ fuq l-ammont ta' mija u tlieta u ħamsin elf u ħames mija u wieħed u tletin elf Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€153,531.15) ossia t-Tieni Debitu mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv;*

11. *Illi d-debitu fuq imsemmi dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimat huwa cert, likwidu, u dovutu, u sa fejn taf is-soċjeta' rikorrenti l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jissolleva f'dan il-proċediment. Għalhekk jissussistu l-elementi kollha rikjesti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ;*

12. *Illi l-fatti fuq esposti huma magħrufa personalment lill-esponenti;*

13. *Illi għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti:-

1. *Taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Tiddikjara li l-intimat huwa d-debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' mija u tnejn u disgħin elf u mitejn u għaxar Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€192,210.66), u dan oltre (i) l-imgħax ikkalkulat bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) fuq l-ammont ta' tmienja u tletin elf u sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€38,679.51) ossia l-Ewwel Debitu mid-data tal-ewwel (1) ta' Ġunju tal-elfejn u tlieta u għoxrin (2023) sad-data tal-pagament effettiv, u (ii) l-imghax legali kkalkulat bir-rata applikabbli skont Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ fuq l-ammont ta' mija u tlieta u*

*ħamsin elf u ħames mija u wieħed u tletin elf Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€153,531.15) ossia t-Tieni Debitu mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv;*

3. *Konsegwentement, tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont fuq imsemmi ta' mija u tnejn u disgħin elf u mitejn u għaxar Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€192,210.66), u dan oltre (i) l-imgħax ikkalkulat bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) fuq l-ammont ta' tmienja u tletin elf u sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€38,679.51) ossia l-Ewwel Debitu mid-data tal-ewwel (1) ta' Ġunju tal-elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) sad-data tal-pagament effettiv, u (ii) l-imgħax legali kkalkulat bir-rata applikabbli skont Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ fuq l-ammont ta' mija u tlieta u ħamsin elf u ħames mija u wieħed u tletin elf Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€153,531.15) ossia t-Tieni Debitu mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat oodjern, kontra l-intimat, minn issa nġunt in subizzjoni;*

Rat id-dokumenti kollha annessa ma'l-istess rikors ġuramentat.

Rat id-digriet mgħoti fil-5 ta'Ġunju 2024 permezz ta' liema l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-8 ta' Lulju 2024 u l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta attriċi kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-konvenut ġie finalment notifikat permezz tal-proċedura tal-pubikazzjoni u affissjoni; huwa għandu jitqies li ġie notifikat fit-13 ta' Novembrbu 2024[1].

Rat li l-konvenut naqas li jidher għall-udjenza miżmuma llum u lanqas ippreżenta nota fir-reġistru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jattakka l-proċedura tentata bħala waħda mhux regolari jew li ma tgħoddx ghal każ.

Ikkunsidrat

[1] Tlett ijiem tax-xogħol wara l-aħħar pubblikazzjoni li kienet fid-9 ta' Novembrbu 2024.

Illi mir-rikors promotur hekk kif ġuramentat minn Alexander Mallia u d-dokumenti hemm annessi mill-liema jrriżulta li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta attriċi fl-ammonti indikati.

Illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi t-talbiet tas-soċjeta attriċi jidhru ġustifikati u wara li l-Qorti rat l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-istess Kap 12.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa t-talbiet kollha tas-soċjeta attriċi kif dedotti bl-ispejjez ġudizzjarji u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**